Is-Swieqi
LOCAL COUNCIL

MINUTI

LAQGHA TAL-KUNSILL LOKALI S-SWIEQI

IS-SEBA LEGISLATURA 2017

SEDUTI NUMRI 56 (Kontinwazzjoni)

Il-Kunsill Lokali tas-Swieqi iltaqa' fl-ufficcju Amministrattiv tieghu li jinsab fic-Centru Civiku, Kunsill Lokali S-Swieqi, Triq G. Bessiera nhar il-Hamis 10 ta' Mejju fil -17.00.

Prezenti

| | | |
|---|---|---|
| Noel Muscat | - | Sindku |
| Alex Chetcuti | - | Kunsillier |
| Maryanne Abela | - | Kunsillier |
| Paul Fenech | - | Kunsillier |
| Theresa Valentino | - | Kunsillier |

Skuzat il-Kunsilliera M. Miceli peress li jinsab msiefer fuq xoghol, l-Vici Sindku li cempel li inqabad xoghol, Alfred Curmi, u Matthew Bonello li kien msiefer.

Ufficjal Prezenti: Vince Tanti, Segretarju Ezekuttiv

Is- Sindku qal it-talba

## **Rapport Mill -Kunsillier P. Fenech**

Huwa ghamel prezentazzjoni viziva tal- Konferenza 2Will li organizza hu fl-ahhar ta' Frar li ghadda.

Spjega li minhabba li l-organizzaturi riedu risposta urgenti minghandu biex issir sezzjoni f'Malta waqt li kien qed jattendi sezzjoni tal-konferenza fl-Italja hu ikkomunika mas-Sindku li tah il-permess jiftah il-bibien biex din issehh, izda s-Sindku sahaq li l-Kunsill ikun infurmat fil-laqgha li jmiss.

Hija fl-istess entuziasmu ta' l-avenimenti li graw wara, kif ukoll peress li qatt ma kienet saret attivita simili mill-Kunsill li hadem ghal hafna mill -organizzjoni wahdu, sakemm waslet il-laqgha tal-Kunsill u nforma l-kulhadd biha.

Huwa jhoss li l-konferenza marret tajjeb hafna, kien hemm diversi *topics* interessanti u laqghat sbieh fosthom ma' l-Ispeaker tal-Karma tar-Representanti, li laqana tajjeb hafna u wera hafna interess, kif ukoll ippermetta li sezzjoni mill-attivita tixxandar fuq il-Parliament TV ukoll.

Ittelleghet *power point presentation* ta' l-attivitajiet kollha li saru waqt din il-konferenza.

Il-Kunsillier P. Fenech irringrazzja lill kull min ta sehemu biex din l-attivita kienet ta-success kbir.

Is-Sindku kkonfermaw li kienet ta' success u irringrazzja lill Kunsillier P. Fenech tal-hidma tieghu fl-organizzazzjoni ta' din il-konferenza.  Huwa minnu qal li inzammet ftit *under wraps* u forsi setghet harget iktar ghall-apert iktar kmieni izda riedu jkunu certi li kollox huwa ppreperat qabel ma jsir dan ghax dejjem tinqala xi problema fl-ahhar hin.

Kienet tirrikjedi hidma kbira  min kull min kien involut u hu wkoll irringrazzja lill kull min ta'sehmu, fosthom l-impjegati tal kunsill.

Il-Kunsillier P.Fenech wara tkellem fuq is-Soiree ghad-unur il-Mibki Maestro Professur Charles Vella li ser jittella nhar il-Gimgha 25 ta Mejju fil-Knisja parrokkjali ta' l-Ibrag.

L-ispejjez involuti huma it-trasport tal- membri tal -banda La Stella minn Ghawdex u lura, kiri u hlas ta' Photographer u l-arbli ghal bnadar, xi fjuri ghal Armla tal -Professur u xi spejjes ohra li johorgu iktar il-quddiem.

| | |
|---|---|
| Noel Muscat | Vince Tanti |
| Sindku | Segretarju Ezekuttiv |

**<u>Rapport Mill -Kunsillier P. Fenech- ikompli</u>**

Il-Kunsillier P. Fenech irringrazzja lill Kappillan Fr. Blake Camilleri li ser jiehu hsieb jaghmel riceviment ghal okkazzjoni, u lill Kunsillier A. Curmi li ha hsieb il-*proof reading* tal- Programm.

Is-Sindku talab ghal qbil tal-Kunsill ghal din l-attivita u l-Kunsill qabel unanimament.

Il-Kunsillier P. Fenech qal ukoll li saritlu talba biex tittella Russia Day fic-centru civiku nhar is-17 ta Gunju. Mid-direttur tar-Russian Cultural and Science Centre. Qed jigi ssugerit ukoll li tittella esibizzjoni ta' arti minn artisti u musicisti Russi bejn il-15-17 ta Gujnu.

Attivita ohra pproponuta hija li waqt Swieqi Fest fid 9 ta Settembru fejn ser tittella attivita specjali li ser jahdem fuqha li Swieqi Arts Group.

Qal ukoll li nhar il-Gimgha 11 ta' Mejju ser issir il Laqgha Generali Anwali ta l-iSwieqi Arts Group, u habbar li qeghdin jahdmu fuq gita fl-Italja kif ukoll tlett kuncerti.

Is-Sindku ghamel punt fuq l-aspett muzikali fejn gibed l-attenzjoni li bhalissa zewgt zghazagh mis-Swieqi qeghdin jaghmlu isem ghal-lokalita peress li qeghdin jaghmlu unur ghalihon infushom. Dawn huma Christabelle Borg li telghet tirrapprezenta l-Malta fil Eurovision, u Emma Muscat, li qieghda taghmel isem ghaliha fuq il-Programm popolari Amici. Is-Sindku xtaq jawgura lill dawn iz-zewg zghazagh.

**Rapport mill-Kunsillier T. Valentino**

Il-Kunsillier T. Valentino staqsiet lis-Sindku sarx xi progress fuq il-linji li talbet fi Triq il-Qawsalla. Is-Sindku talabha tibghat id-dettalji lis-Segretarju halli japplika ghalihom. Is-SE talabha ritratti u site plan biex japplika ghalihom.

Tkelmet ukoll fuq il-Programm tal -Health Promotion Unit, fejn avzat li fil-parti tal-programm fejn isiru *talks* ser jinzammew fil-Kunsill tas-Swieqi, waqt li l-aerobics ser ssiru l-Gzira peress li ma nstabux slots fil-hinijiet li jaqblu mal-hinijiet li setghu jigu l-*instructors*. Is-Sur Paul Fenech avza li minhabba il-programm vast ta' attivitajiet ta' natura kulturali ma nistawx nintrabtu ghall-ebda organizzazzjoni ghal uzu tas-sala.

Is-Sindku xtaq li l-aerobics isiru hawn ukoll u talab issir studju biex naraw jistawx isiru hawn ukoll.

| | |
|---|---|
| Noel Muscat | Vince Tanti |
| Sindku | Segretarju Ezekuttiv |

**Rapport mill-Kunsillier T. Valentino- ikompli**

Il-Kunsillier T.Valentino informat ukoll li marret ghal smiegh fuq applikazzjoni ta' rezoning fit-Triq Uqija kantuniera ma' Giokondu u Kejla (PC60/17) l-Awtorita ta' l-Ippjanar irrokammandat *refusal.*

Avzat li l-Kunsill ipprezenta l-kummenti tieghu fuq l-Enviroment Impact Asessment ta' PA3465/14, sit fil-Gharghur, tisqief ta' Scrap Yard. Dan ghamlinieh ghaliex din il-proposta teffetwa aktar ir-residenti tas-Swieqi milli tal-Gharghur ghax dan is-sit qieghed vicin ir-residenti tal-Madliena.

Hi pproponiet li l-Kunsill ghandu jkollu folders li jikkonsistu fil-korrispondenza kollha marbuta ma' kull kaz li joggezjona ghalih. Dan sabiex ikollna stampa cara ta' l-ogezzjonijiet u appelli kollha li saru mal-PA. Kellha titkellem ma' Clarissa sabiex tipprepara dawn il-folders u izommhom updated.

Fl-ahharnett, il-Kunsillier T. Valentino qalet li ser issir mawra ghal Ghawdex organizzata mill-Active Agers Group.

**Rapport mill-Kunsillier A. Chetcuti**

Huwa staqsa jekk kienx sar xi progress fuq il-proposta li tintbghat ittra lill kull familja li ghandhom persuni b'disabilita sabiex nippruvaw noholqu grupp sabiex inkuni iktar konxji tal-bzonnijiet ta'persuni b'dizabilita fil-lokal. Is-SE wiegeb li mid-dehra hemm xi misunderstanding ghaliex kien qed jistenna lis-Sur Chetcuti jibghatlu draft ta' x'jixtieq li tinkludi l-ittra u hu jipprepara. Sar qbil li s-SE ser jipprepera l-ittra hu wara li intqal x'ghandu jigi nkludut.

Fuq l-istess suggett is-Sur Chetcuti staqsa tistax tigi nstallata bandla ghad-disabled. Is-Sindku informah li ghandna tnejn, wahda fil-Gnien Maurice Caruana Curran u l-ohra fil-bandli tal-Victoria Gardens.

Staqsa wkoll fuq ix-xoghol tal -bandli fil- gnien Caruana Curran, u is-SE informah li qed isir it-tibdil tar-rubber flooring. Ghal ragunijiet ta' Sahha u sigurta il-bandli tnehhew biex in-nies ma juzawx l-area sakemm jitlesta x-xoghol.

Is-Segretarju Ezekuttiv ikkommenta li jixtieq jipprova jgib

| | |
|---|---|
| Noel Muscat | Vince Tanti |
| Sindku | Segretarju Ezekuttiv |

**Rapport mill-Kunsillier A. Chetcuti- ikompli**

Il-Kunsillier informa li fl-Ungerija ra diversi sand-pits fil-playing areas biex it-tfal ma jweggawx, izda is-SE informah li mhux prattikabbli hawn ghax nispiccaw bl-annimali juzawhom ghal bzonnijiet taghhom.

Huwa  tkellem fuq *hanging Gardens* li ra ghand Piscopo Gardens. Talab biex nistudjaw nistawx naghmlu xi erbgha jew hamsa permezz ta' l-*Urban Greening Programme*.

Il-Kunsillier A. Chetcuti  tkellem ukoll fuq Ir-Recycling Clothes Project, fejn xi kumpanija barranija ser tigbor hwejjeg b'xejn u tbieghhom lill -agenzija ohra. Kienu ga ppruvaw joperaw xi gimghat ilu imma ltaqaw ma' hafna problemi u ma sar xejn. Issa gabu l-permessi kollha mehtiega u jixtiequ jergaw jipprovaw jahdmu. Is-Sindku staqsa kienx hawn konkorenza u is-Sur Chetcuti wiegeb li mill -posts u risposti fuq il-facebook jidher li kien hemm. Is-Sindku kkummenta li la darba ir-residenti jidhru li jriduhom mela wiehed jikkunsidrahom. Is-Sur Chetcuti wiegeb li il-kumpanija baghtet kuntratt, li s-Sindku kienjaf bih, izda wara li qrah deherlu li hemm xi punti li ma jaqbilx maghhom u allura mhux ser jiffirmah.

Staqsa wkoll fuq ir-rikjesta ghal Bollards fi Triq Sant'Andrija, faccata l-Greens. Is-Sindku wiegeb li anke hu kiteb diversi drabi lis- Sur Silvio Scerri fuq dan imma qatt ma waslet risposta definittiva.

Is-Sur Chetcuti staqsa fuq il-Filmat tal- Recycling li hareg il-Kunsill, u qal li dan qatt ma rah. Is Segretarju wiegeb li l-kumpanijja li ghamlitu kellha tibghat hard-disk jew pen-drive tieghu imma qatt ma wasal. Il-Vici Sindku kien talab kopja emendata bil-logo tal Kunsill vizibbli kull hin, imma ma jafx kinitx waslet ghandu.

Staqsa fuq l-applikazzjoni ghal double yellow lines fi Triq il-Mielah, u -Segretarju infurmah li ntbaghtet imma TM jixtiequ jaghmlu studju xjentifiku  bl-apparat specjali biex jiddeterminaw l-eligibilta ta' l-applikazzjoni.

Il-Kunsillier A. Chetcuti talab li jitpogga bin fi Swieqi Road, vicin ta l-ghalqa int u diehel mit-tunnels tas-Swieqi. Dawn  iridu jkunu recycling bins kbar ghax l-ammont ta' fliexken tal-hgieg u plastic, kif ukoll bottijiet tal-metal huwa kbir hafna. Talab li dawn il-bins  jitpoggew minn San Giljan ghax il-problema minn hemm gejja.

| | |
|---|---|
| Noel Muscat | Vince Tanti |
| Sindku | Segretarju Ezekuttiv |

**Rapport mill-Kunsilliera M.Abela**

Hija informat li l-attivita Militaryu Madliena ser issir fis -7.10.18.

Qalet ukoll li twahhlu Neighbourhood watch signs madwar il-Madliena.

Gibdet l-attenzjoni li hemm sigra mejta fi Triq Caf Caf li trid tinqala ghax mejta u r-residenti qed jibzghu li ser taqa'.

Talbet ukoll li jinzebghu private road ma' l-art fi Triq in-Nemes u fi Triq Villa Rosa. Is-Segretarju Ezekuttiv irraguna li jekk dawn toroq private mhux ir-responsabbilta tal-Kunsill imma tar-residenti tat-triq li jiehdu hsieb dawn is-sinjali. Inqalat diskussjoni fuq dawn it-toroq ghax kien hemm min jaqbel li t-toroq huma private u ohrajn li qalu li ma hemmx toroq private fil-lokalita.

Ghandha tintbaghat ittra lill -Lands sabiex wiehed jaccerta jekk hemmx toroq private fis-Swieqi.

Infurmat li hemm manhole tal -WSC qieghda tisfronda fi Triq il-Qasam, u s-Segretarju informha li ilu li rrapportha u llum stress rega irraportaha.

Il-Kunsiller M. Abela irrapportat li qed jkun hemm traffic jam qawwi fejn il-Forex. Is-Sindku irrimarka li iva konxju ta' dan u anke f'toroq ohra, imma dan minhabba x-xoghol fi Triq il-Keffa u la darba titlesta jerga' lura kollox ghan-normal.

Saqsiet jekk saritx il-laqgha ma ufficcjal ta' Transport Malta ghas-sitwazzjoni tat-traffic ta Triq is-Sidra kantuniera ma' Qasam. Is-SE wiegeb li iva u Dr. Fenech jaf id-dettalji u jitkellem fuqhom fil-laqa li jmiss.

| | |
|---|---|
| Noel Muscat | Vince Tanti |
| Sindku | Segretarju Ezekuttiv |

**Rapport mill-Kunsilliera M.Abela- tkompli**

Talbet li ssir laqgha ohra ma 'Transport Malta ghal junction hdejn Torre pawlina. Is-Segretarju ser jikteb lill Tommy Debono ghal din il-laqgha.

Staqsiet hadniex xi azzjoni fuq l-inciniratur li ser jinbena Bahar ic-Caghaq, u s-Sindku wiegeb li tkellem mas-Sindku tan -Naxxar u qalulu li ser imorru ghal-laqgha mal -Ministru Herrera. Ahna ktibna lill ministru u tlabnieh nattendu ghal din il-laqgha.

Il-Kunsillier M. Abela talbet li l-minuti tal -Madliena u tal -Kunsill jintbghatu lill membri kollha tal- Kumitat Amministrattiv tal Madliena u lil membri kollha tal -Kunsill. Din it-talba ntlaqghat.

**Approvazzjoni ta' pagamenti u xiri iehor**

Ghalkemm il-Kunsillier A. Curmi ma setax jattendi din il-laqgha minhabba cirkustanzi li ma kellux kontroll fuqhom, xorta wahda bhas-soltu bghat ir-rapport idettaljat tieghu (aness) u rrkommanda li tigi approvata l-iskeda tal-pagamenti mill-Kunsill. Wara li ma kien hemm l-ebda ogezzjoni jew kummenti fuqha, din giet approvata minn dawk kollha prezenti.

Peress li kien sar l-hin u kien hemm min ried jitlaq il-laqgha nmmet fis-7.00pm u giet aggornata ghas-6 ta' Gunju fil-17.00.

Noel Muscat — Vince Tanti

Sindku — Segretarju Ezekuttiv